Prim Ministru

Ministru għall-Ambjent,
l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Chairperson,
Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

A.L. XX tal-2024

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT
(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Speċi Protetti (Dikjarazzjoni ta' Speċi Nazzjonali)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**S.L. 549.120.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Speċi Protetti (Dikjarazzjoni ta' Speċi Nazzjonali) u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Speċi Protetti (Dikjarazzjoni ta' Speċi Nazzjonali), minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

**Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali**

**2.** Il-paragrafu (ċ) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu (ċ) ġdid li ġej:

"(ċ) tippreveni l-introduzzjoni, tikkontrolla jew teqred dawk l-ispeċi aljeni invażivi li jistgħu jheddu l-ispeċi Nazzjonali dment li tali miżuri ma jeffetwawx b'mod ħażin kwalunkwe speċi użata għall-apikultura; u"

**Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.**

**3.** Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"10. Kwalunkwe valutazzjoni mwettqa jew permess maħruġ mill-awtorità kompetenti skont ir-regolamenti rilevanti għandhom jitqiesu bħala maħruġa taħt dawn ir-regolamenti:

**S.L. 36.36.**
**S.L. 549.44**

Iżda għall-*Apis mellifera ruttneri*, kull reġistrazzjoni skont ir-Regolamenti dwar it-Trobbija tan-Naħal li tinvolvi l-użu ta' din l-ispeċi għall-produzzjoni ta' għasel, ġelatina rjali, propolis, xema' tan-naħal jew prodotti oħra relatati man-naħal tal-għasel, għandha titqies bħala permess validu taħt dan ir-regolament u taħt ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali."

**Jemenda Skeda I tar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Skeda I tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita' b'din l-iskeda l-ġdida li ġejja:

"**SKEDA I**

SPEĊI NAZZJONALI TAL-GŻEJJER MALTIN

Skeda I(a): Speċi Nazzjonali (Għasafar)

| ISEM XJENTIFIKU | ISEM BIL-MALTI | ISEM BL-INGLIŻ | SPEĊI NAZZJONALI |
|---|---|---|---|
| *Monticola solitarius* | il-merill; iċ-ċikkudiddiju | Blue Rock Thrush | National Bird |

Skeda I(b): Speċi Nazzjonali (ħlief għasafar)

| ISEM XJENTIFIKU | ISEM BIL-MALTI | ISEM BL-INGLIŻ | SPEĊI NAZZJONALI |
|---|---|---|---|
| *Aphanius fasciatus* | il-bużaqq | Mediterranean Killifish | National Fish |
| *Apis mellifera ruttneri* | in-naħla; in-naħla ta' Malta | Maltese Honey Bee | National Insect |
| *Palaeocyanus crassifolius* (=*Cheirolophus crassifolius*) | widnet il-baħar | Maltese Rock-Centaury | National Plant |
| *Potamon fluviatile lanfrancoi* | il-qabru; il-granċ tal-ilma ħelu | Maltese Freshwater Crab | National Invertebrate |
| *Tetraclinis articulata* (=*Callitris quadrivalvis*) | l-għargħar; is-siġra tal-għargħar | Arar Tree: Alerce; Sandarac Gum Tree | National Tree |

"